MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' April, 2005

Talba Numru. 31/2005

**Sullivan Maritime Limited (C-20340)**

**vs**

**Cliff J. Brooks**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm312.23) ghall-servizz li s-socjeta` attrici taghat lill-konvenut fuq struzzjonijiet tieghu, u ghalkemm debitament interpellat il-konvenut baqa' nadempjenti. Ghalkemm il-konvenut kien originarjament ikkonsenja zewg cheques lis-socjeta` attrici ghall-ammont mitlub, wara li dawn gewipprezentati l-bank, dawn gew ritornati lura bil-kliem « refer to drawer ».**

**Ghaldaqstant is-socjeta` attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ tlett mija u tnax-il lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm312.23).**
**Bl-imghax mit-30 ta’ April, 2004 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tas-27 ta’ Lulju, 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-11 ta’ Marzu, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett mija u tnax-il lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm312.23) bl-imghax legali mit-30 ta’ April, 2004.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-27 ta’ Lulju, 2004 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------